MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1090/2006

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C 35984)**
**vs**
**Louis sive Lewis Sargent (962647M)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet :

1. Illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitt elef hames mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm6,542.76) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu nibjugha u lilu ikkonsenjata.

2. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex iwettaq il-hlas huwa baqa' inadempjenti.

3. Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ghall-hlas.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Rapa, hawn annessa bhala Dok 'C', debitament awtorizzat sabiex jirrapprezenta s-socjeta' rikorrenti u dispensat is-smigh tal-kawza a termini tal-Artikolu 167 *et. seq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), tikkundannah ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitt elef hames mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm6,542.76) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu ikkonsenjata.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 15 ta' Novembru 2006 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mit-18 ta' Awissu 2006 li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti tar-rikors u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jidher u jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar- rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata ;

Fil-kontumacja tal-intimat tiddecidi nilli tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------